Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Avviz Numru. 120/1997/1

Ganni Cassar,
Victor Cassar, u
Maria Assunta Cassar .

vs

John Cauchi .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallashom is-somma li tigi likwidata mill-Qorti, bħala danni kkaġunati lilhom ta' konsegwenza tal-okkupazzjoni bla dritt minn naħa tiegħek, għal erba' snin u nofs, tar-raba taghhom, magħrufa bħala "Tal-Gruwa", limiti tax-Xewkija, kif ġejt ikkundannat bis-sentenza ta' din il-Qorti, tal-20 ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet "Cassar -vs- Cauchi" (14/93).

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali sal-pagament effettiv, inklużi l-ispejjeż tal-ittra interpellatorja .

Rat l-oppożizzjoni tal-konvenut għal din it-talba, magħmula fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 1997 .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Rat ukoll l-atti tal-kawża ta' spoll ċitaz. nru. 14/1993 fl-ismijiet: "Maria Assunta Cassar et. vs  John Cauchi", deċiża minn din il-Qorti fil-kompetenza superjuri tagħha fl-20 ta' Mejju 1997, liema atti ġew allegati mal-kawża preżenti b'digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru 1999 .

Ikkunsidrat :

Illi peremzz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu mingħand il-konvenut il-kumpens għall-okkupazzjoni inġusta tiegħu ta' l-għalqa deskritta fl-Avviż u li dwarha kienet saret il-kawża ta' spoll hawn fuq indikata .  Fis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża ġie dikjarat illi l-konvenut John Cauchi kien okkupa l-art in kwistjoni llegalment .  L-ispoll minnu kommess kien sar fix-xahar ta' Jannar 1993 u l-kawża inqatgħet fl-20 ta' Mejju 1997 u għalhekk jiġi illi huwa okkupa din l-art għal perijodu ta' ċirka erba' snin u tliet xhur u nofs .

Fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawża l-konvenut, għalkemm qatt ma għamel ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens, allega illi huwa ma kienx l-istess John Cauchi li kien ikkommeta l-ispoll fil-kawża indikata .  Spjega fix-xhieda tiegħu kif zijuh jismu John Cauchi wkoll, illum mejjet, kien joqgħod fl-istess indirizz tiegħu .  Imma jirriżulta b'mod mill-aktar inekwivoku mis-sentenza tal-Qorti f'dik il-kawża, illi kien il-konvenut u mhux zijuh illi kkommetta dak l-ispoll .  Infatti ntqal fl-istess sentenza illi :

"… *din il-Qorti lesta biex tiddeċidi din il-kawża biss fuq ix-xhieda tal-konvenut li ta' fis-seduta ta' l-10 ta' April 1997 . Dana spjega kif zijuh kien ic-chief tenant ta' dawk l-inħawi u kif l-attriċi kellha parti mill-art illi kienet imqabbla mill-gvern .  Il-konvenut spjega illi zijuh kien qallu illi l-attriċi ma*

*kienitx qed tħallas il-qbiela u kien għalhekk illi qabad u daħal fl-għalqa mingħajr ma qal xejn u beda jaħdimha*" .

Jonqos għalhekk illi jiġi likwidat l-ammont spettanti lill-atturi bħala danni għal din l-okkupazzjoni inġusta tal-konvenut ta' l-għalqa tagħhom . L-atturi ma kienux konsistenzi fl-ammont li jippretendu illi hu dovut mill-konvenut . Kien hemm min qal illi din l-għalqa kienet tirrendi mija u ħamsin lira maltija (Lm150) qliegħ fis-sena u min qal illi kienet tħallilhom mitt lira maltija (Lm100) biss . Ilkoll qablu illi ma kien jinbiegħ xejn mill-prodotti u għalhekk ma kellhom ebda riċevuti x'juru . L-uċuh li kienu soltu jieħdu minn din ir-raba, konsistenti f'patata, ful u ħaxix ieħor għal borma, kienu jaqsmuh bejniethom . Wara li reġgħu ħadu f'idejhom din l-għalqa, bdew jagħmluha żergħa .

Madankollu, meħud in konsiderazzjoni illi r-raba *de quo* kienet tkejjel biss siegħ (187.6m.k.), u dan kif qalu l-istess atturi fil-premessi tal-kawża ta' spoll li kienu istitwew kontra l-konvenut, il-Qorti mhix konvinta illi din l-art setgħet irrendiet lill-atturi, b'kemm jiswew mitt lira prodotti u wisq inqas mija u ħamsin lira . Fil-fehma tagħha jkun bil-wisq aktar xieraq u ġust jekk tiġi likwidata somma ta' ħamsin lira maltija (Lm50) fis-sena għal dan il-għan . B'hekk jiġi illi fuq firxa ta' erba' snin u tliet xhur u nofs, l-ammont totali likwidat in linea ta' danni kkaġunati mill-konvenut, ilaħħaq is-somma ta' mitejn u ħmistax il-lira maltija (Lm215) .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati minnu għall-okkupazzjoni bla dritt ta' l-għalqa deskritta fl-Avviż, fis-somma ta' mitejn u ħmistax-il lira maltija (Lm215) u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas din is-somma lill-atturi .

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet relattivi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------